**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 14 ta' Marzu, 2019**

**Rikors Guramentat Nru: 517/2018 AF**

**Antoinette Bianchi**

**vs**

**Air Malta p.l.c. (C-2685)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' Antoinette Bianchi li permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih imfissra, din il-Qorti ntalbet biex:

1. Tiddikjara li r-rikorrenti sofriet danni minhabba l-agir tas-socjetà intimata;

2. Tillikwida okkorrendo permezz ta' periti nominandi d-danni hekk sofferti mir-rikorrenti;

3. Tiddikjara li l-intimata naqqset li thallas lir-rikorrenti dak spettanti lilha ai termini tal-kuntratt tal-impjieg taghha;

4. Tillikwida okkorrendo permezz ta' periti nominandi s-somma hekk dovuta mill-intimata lir-rikorrenti skond it-tielet talba;

5. Tikkundanna lis-socjetà intimata thallas lir-rikorrenti s-somma hekk likwidata skond it-tieni u r-raba' talba.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri ufficjali 606/2018 u 1338/2018 u bl-imghax kontra l-intimati li r-rapprezentanti taghha huma minn issa ingunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Ottubru 2018 fejn gie registrat kif gej:

> *"Ir-rikorrenti qed tissoleva n-nullità tar-risposta tas-socjetà Air Malta plc, in kwantu ma tissodisfax ir-rekwiziti tal-Art. 158(3)(c) tal-Kap. 12, in kwantu ma fiha l-ebda dikjarazzjoni guramentata, kif jirrikjedi l-istess disposizzjoni tal-ligi, kwindi titlob li konsegwentement is-socjetà rikorrenti tigi dikjarata fi stat ta' kontumacja."*

Rat li d-difensuri ttrattaw dan il-punt fis-seduta tal-20 ta' Frar 2019 fejn il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza dwar dan.

Ikkunsidrat illi permezz tal-verbal tat-23 ta' Ottubru 2018 ir-rikorrenti ssollevat illi r-risposta guramentata ta' Air Malta plc hija nulla ghaliex ma tissodisfax ir-rekwiziti tal-Art. 158(3)(c) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li testwalment jipprovdi illi:

> *"il-konvenut, jew wiehed mill-konvenuti jekk ikun hemm aktar minn wiehed, ghandu wkoll jiddikjara bil-gurament fir-risposta guramentata b'paragrafi numerati, il-fatti kollha dwar it-talba, fejn jichad, jammetti jew jispjega c-cirkostanzi tal-fatti murija fid-dikjarazzjoni tal-attur, filwaqt li jiddikjara liema fatti huwa jaf bihom personalment."*

Dan l-Artikolu tal-ligi ghandu essenzjalment jinqara fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Art. 789(1) tal-Kap. 12 li testwalment jipprovdi illi:

*"L-eccezzjoni ta' nullità tal-atti gudizzjarji tista' tinghata –*

*(a) Jekk in-nullità hija iddikjarata mill-ligi espressament;*
*(b) Jekk l-att jinhareg minn qorti mhux kompetenti;*
*(c) Jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma mehtiega mill-ligi, ukoll jekk mhux taht piena ta' nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun giebet, lill-parti li titlob in-nullità, pregudizzju illi ma jistax jissewwa xort'ohra hlief billi l-att jigi annullat.*
*(d) Jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament mehtiega mill-ligi.*

*Izda dik l-eccezzjoni ta' nullità kif mahsuba fil-paragrafi (a), (c) u (d) ma tkunx tista' tinghata jekk dan in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistghu jissewwew taht kull dispozizzjoni ohra tal-ligi."*

Finalment l-Art. 175(1) tal-Kap. 12 jipprovdi illi:

*"Il-qorti tista', f'kull waqt tal-kawza, qabel is-sentenza, wara talba ta' wahda mill-partijiet, wara li tisma' meta jehtieg lill-partijiet, tordna s-sostituzzjoni ta' xi att jew tippermetti tibdil fl-iskritturi, sew billi fihom jizdied jew jitnehha l-isem ta' wahda mill-partijiet u jitqieghed iehor floku, jew billi jissewwa zball fl-isem tal-partijiet jew fil-kwalità li fiha jidhru, jew billi jissewwa kull zball iehor jew billi jiddahhlu hwejjeg ohra ta' fatt jew ta' dritt ukoll permezz ta' nota separata, sakemm sostituzzjoni jew tibdil bhal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-meritu tal-kawza."*

L-atteggjament generali ta' dawn il-Qrati meta rinfaccati b'eccezzjoni ta' nullità ta' att gudizzjarju itendi biex jevita kemm jista' jkun l-iskartar ta' atti gudizzjarji, dan sabiex jigu evitati kemm dewmien, kif ukoll spejjez u moltiplikazzjoni ta' kawzi. Kif irriteniet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet Attard vs Galea deciza fit-12 ta' Mejju 1998 fejn intqal illi:

*"bhal regola, skond il-gurisprudenza ormai stabbilita, l-atti kemm jista' jkun ghandhom jigu salvati biex issir gustizzja sostanzjali fil-mertu tal-kaz" u "kif gie ritenut minn dawn il-Qrati, ir-rigorozità procedurali, u l-formalizmu esagerat rarament huma ambaxxaturi tal-gustizzja sostanzjali u ghalhekk ma ghandhomx normalment janimaw l-andament tal-kawza."*

Ghal dan l-iskop itendu l-emendi ntrodotti fir-rigward, cioè sabiex jigi eliminat il-formalizmu estrem li f'xi zminijiet kien abbraccjat.

Fil-kaz in ezami ma jirrizultax lil din il-Qorti li r-risposta guramentata ta' Air Malta plc tbati minn tali mankanza li twassal ghas-sanzjoni estrema tan-nullità.  Giet regolarment prezentata fit-terminu preskritt, giet konfermata bil-gurament kif trid il-ligi u tikkontjeni f'paragrafi numerati l-eccezzjonijiet u l-fatti saljenti li, skond Air Malta plc, taw lok ghall-vertenza bejn il-partijiet.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tiddikjara li n-nota tal-eccezzjonijiet ta' Air Malta plc saret sewwa.  B'hekk il-Qorti tichad l-eccezzjoni ta' Antoinette Bianchi kif sollevata fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 2018, u tordna li l-kawza titkompla regolarment.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

IMHALLEF

DEP/REG